# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Settembru, 2015

**Talba Nru:** 453/15 DMA

**Vodafone Malta Limited**
**(C10865)**

**Vs**

**Medistar Healthcare Services Limited**
**C 49998**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Gunju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' intimata ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta' elf mija u dsatax-il ewro u erbatax-il centezmu (€1,119.14) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess socjeta' intimata abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok. VF1'.

Illi minkejja li s-socjeta' intimata gie interpellata diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hi baqghet inadempjanti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra s-socjeta' intimata, bl-ingunzjoni socjeta' intimata in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tas-16 ta' Settembru, 2015 u qas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-16 ta' Settembru, 2015 u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf mija u dsatax-il ewro u erbatax-il centezmu (€1,119.14) bl-imghaxijiet legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat gie dovut sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**